2024/3248

31.12.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3248

tal-20 ta' Diċembru 2024

li jerġa' jiftaħ is-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 9 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall, billi jħassar ir-Regolament (UE) 2024/1949

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2024.

(2) Fl-14 ta' Ġunju 2024, skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-Portugall għarraf lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li tipprojbixxi s-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 9 mid-19 ta' Ġunju 2024.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1949 ([3]) ipprojbixxa s-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 9 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall.

(4) Skont l-informazzjoni li waslet lill-Kummissjoni fl-4 ta' Novembru 2024 mill-awtoritajiet Portugiżi, ħemm disponibbli mill-ġdid għall-Portugall kwantità għall-kwota għal dak l-istokk wara skambji ta' opportunitajiet tas-sajd konklużi skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). B'konsegwenza ta' dan, is-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 9 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, jenħtieġ li jinfetaħ mill-ġdid sakemm jiġi indikat mod ieħor.

(5) Jenħtieġ li dak il-ftuħ mill-ġdid tas-sajd jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2024 sabiex il-kwantità tal-paġella ħamra inkwistjoni tkun tista' tinqabad qabel tmiem is-sena attwali.

(6) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 2024/1949 jenħtieġ li jitħassar b'effett mis-6 ta' Novembru 2024.

(7) Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipju taċ-ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li l-kwota hija disponibbli mill-ġdid għal dak l-istokk,

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/194/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1949 tat-8 ta' Lulju 2024 li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żona 9 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall (ĠU L, 2024/1949, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1949/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 9 għall-istaġun tas-sajd 2024 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, imsemmi fl-Anness, jinfetaħ mill-ġdid.

Ir-Regolament (UE) Nru 2024/1949 huwa mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-6 ta' Novembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Costas KADIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	06/TQ194 – Ftuħ mill-ġdid
Stat Membru	Il-Portugall
Stokk	SBR/09-
Speċi	Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*)
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 9
Data tal-għeluq	19 ta' Ġunju 2024
Data tal-ftuħ mill-ġdid	6 ta' Novembru 2024